



European Securities and  
Markets Authority

# Linji gwida u Rakkomandazzjonijiet

Linji gwida dwar informazzjoni perjodika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mill-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu





## Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni .....	3
2	Definizzjonijiet .....	3
3	Għan tal-Linji Gwida.....	3
4	Obbligi ta' konformità u ta' rapportar .....	3
5	Informazzjoni li għandha tkun inkluża fis-sottomissjonijiet perjoċi .....	3
5.1	Dħul finanzjarju u spejjeż (skont it-tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq bażi individwali u kkonsolidata).....	4
5.2	Ċaqliq tal-persunal, postijiet vakanti u promozzjonijiet ewlenin .....	5
5.3	Għadd ta' impjegati FTE.....	5
5.4	Ilmenti interni sottomessi lid-Dipartiment tal-Konformità .....	5
5.5	Minuti tal-Bord, opinjonijiet indipendenti tad-diretturi mhux eżekuttivi u rapporti sottomessi lill-Bord.....	5
5.6	Proċeduri tal-qorti, tal-arbitraġġ u ta' riżoluzzjoni ta' tilwim oħrajn.....	6
5.7	Każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament CRA li ġew identifikati u l-miżuri li ttieġdu.....	6
5.8	Organigrammi .....	6
5.9	Konformità, Verifika Interna, Ġestjoni tar-Riskju .....	6
5.10	Strateġija tal-IT tal-intrapriżi.....	7
5.11	Oqsma oħra .....	7
5.12	Notifiki ta' tibdil materjali fil-kundizzjonijiet tal-bidu għar-reġistrazzjoni.....	7
5.13	Tariffa superviżorja u kalkoli tas-sehem mis-suq tas-CRA.....	8
5.14	Kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA .....	9
6	Anness 1: Sommarju tal-informazzjoni perjoċika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mill-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu .....	11



Akronomi użati

<b>Ir-Regolament CRA</b>	Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (kif emendat l-añħar mir-Regolament (UE) Nru 462/2013).
<b>CRA</b>	Aġenzija ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu
<b>ESMA</b>	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<b>HR</b>	Riżorsi Umani
<b>IA</b>	Verifika Interna



## **1 Kamp ta' applikazzjoni**

### **Min?**

1. Dawn il-Linji gwida japplikaw għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) irreġistrati fl-UE. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għas-CRAs ċertifikati.

### **Meta?**

2. Dawn il-linji gwida se jidhru fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq il-websajt tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

## **2 Definizjonijiet**

3. Regolament tal-ESMA: Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

## **3 Għan tal-Linji Gwida**

4. Il-Linji Gwida jstabilixxu l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mis-CRAs biex tiġi permessa s-superviżjoni kontinwa mill-ESMA tas-CRAs fuq bażi konsistenti. Il-Linji Gwida jikkjarifikaw ukoll l-aspettattivi tal-ESMA rigward l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji u s-sehem mis-suq tas-CRAs.

## **4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar**

5. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

## **5 Informazzjoni li għandha tkun inkluża fis-sottomissjonijiet perjodiċi**

6. Din it-Taqsima tistabilixxi l-informazzjoni li s-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA kull tliet xhur, kull sitt xhur u kull sena bħala parti mis-sottomissjonijiet perjodiċi tagħhom. L-informazzjoni għandha tiġi sottomessa fi żmien xahar wara t-tmiem tat-tliet xhur ikkonċernati.

Perjodu	Skadenza għas-sottomissjoni
1Q 20xx (sal-31 ta' Marzu 20xx)	30 ta' April 20xx
2Q 20xx (sat-30 ta' Ġunju 20xx)	31 ta' Lulju 20xx
3Q 20xx (sat-30 ta' Settembru 20xx)	31 ta' Ottubru 20xx
4Q 20xx (sal-31 ta' Diċembru 20xx)	31 ta' Jannar 20x(x+1)

7. Jekk jogħġbok innota li, fejn jiġi identifikat ksur potenzjali tar-Regolament CRA li jikkostitwixxi riskju għall-integrità u l-oġġettività tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu eżistenti (inkluża attività frodulentli jew irregolari possibbli (pereżempju mġiba ħażina ta' impjegat jew tal-maniġer)), is-CRAs jistgħu jikkunsidraw jinfurmaw lill-ESMA b'dan minnufih. Is-CRAs ikunu konxji li nuqqas li jsir dan jista', fl-eventwalità li jiġi skopert ksur, jimpedixxi lid-ditta milli tiddependi fuq il-fattur ta' mitigazzjoni stabbilit fil-Punt 3 tat-Taqsima II tal-Anness IV għar-Regolament CRA ("*Jekk l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tkun ġibdet l-attenzjoni tal-ESMA dwar il-ksur malajr, b'mod effettiv u komplut, għandu japplika koefċjent ta' 0.4.*").
8. Skont l-ESMA dan ma jfissirx li s-CRA se tirrinunzja l-privileġġ legali fis-sottomissjoni tal-informazzjoni perijodika inkluż f'dawn il-linji gwida.

A. Sottomissjonijiet ta' informazzjoni kull tliet xhur

### **5.1 Dħul finanzjarju u spejjeż (skont it-tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq bażi individwali u kkonsolidata)**

9. L-ESMA għandha tirċievi informazzjoni dwar id-dħul ta' kull tliet xhur skont i) it-tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u ii) spejjeż.
10. Id-dħul ta' kull tliet xhur għandu jinqasam skont it-tipi li ġejjin ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu: Korporattiv Nonfinanzjarju; Korporattiv Finanzjarju; Finanzi Sovrani/Pubbliċi; Finanzjament Strutturati; Bonds Koperti.
11. L-ispejjeż ta' kull tliet xhur għandhom juru l-kostijiet operattivi u totali fuq bażi separata. L-ispejjeż operattivi għandhom ikunu approssimazzjoni tal-qligħ qabel l-interessi u t-taxxi mħallsa. Il-figuri għandhom jiġu rrappreżentati bħala qligħ u kostijiet minn tliet xhur għal tliet xhur (pjuttost milli minn sena għal sena).
12. Is-CRAs eżenti minn tariffa superviżorja annwali għandhom jissottomettu din l-informazzjoni kull sitt xhur, pjuttost milli kull tliet xhur.

## 5.2 Ċaqliq tal-persunal, postijiet vakanti u promozzjonijiet ewlenin

13. Iċ-ċaqliq ta' kull tliet xhur tal-Maniġment Superjuri (inkluż il-maniġment superjuri tal-IT), l-Analisti Ewlenin u l-Analisti għandu jiġi pprovdut. Is-CRAs eżenti minn tariffa superviżorja annwali għandhom jissottomettu din l-informazzjoni kull sitt xhur, pjuttost milli kull tliet xhur.

## 5.3 Għadd ta' impjegati FTE

14. Minbarra d-dejta dwar iċ-ċaqliq tal-persunal, l-ESMA għandha tirċievi rapport kull tliet xhur tal-għadd totali ta' membri tal-persunal li jaħdmu f'CRA espress f'termini ta' Impjegati Full-Time. Is-CRAs eżenti minn tariffa superviżorja annwali għandhom jissottomettu din l-informazzjoni kull sitt xhur, pjuttost milli kull tliet xhur.

## 5.4 Ilmenti interni sottomessi lid-Dipartiment tal-Konformità

15. Meta jirċievu lment fi f'dan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA:
  - Deskrizzjoni tal-kontenut tal-ilment;
  - L-azzjonijiet ta' segwitu mwettqa mis-CRA;
  - Informazzjoni dwar jekk tkunx infetħet investigazzjoni interna bħala konsegwenza, inkluż jekk l-investigazzjoni tkunx għaddejja jew tkunx ingħalqet fid-data tar-rapportar; meta l-investigazzjoni tkun ingħalqet, kopja ta' kwalunkwe rapport konsegwenti magħmul fir-rigward tal-investigazzjoni.

### B. Sottomissjonijiet ta' informazzjoni kull sitt xhur

## 5.5 Minuti tal-Bord, opinjonijiet indipendenti tad-diretturi mhux eżekuttivi u rapporti sottomessi lill-Bord

16. Is-CRAs għandhom jissottomettu kull sitt xhur:
  - Il-minuti tal-laqqgħat tal-Bord tagħhom;
  - Kopja tad-dokumenti mibgħuta lill-maniġment u lill-membri tal-bord superviżorju qabel il-laqqgħat tal-Bord rispettivi tagħhom, kif ukoll dokumenti addizzjonali diskussi fil-laqqgħa (pereżempju, rapporti magħmula mill-funzjonijiet tal-Konformità, il-Verifika Interna, ir-Riskju, ir-rapporti ta' verifika interna, il-funzjoni tas-sigurtà u r-riskju tal-informazzjoni);
  - Meta tingħata l-opinjoni ta' direttur mhux eżekuttiv indipendenti (INED) f'dokument awtonomu, is-CRAs għandhom jissottomettu fis-sottomissjoni ta' kull sitt xhur kwalunkwe opinjoni ppreżentata mill-INED(s) tas-CRA skont il-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I għar-Regolament CRA u r-rapporti kollha (inklużi rapporti ta' segwitu) maħruġa minn direttur indipendenti.

## 5.6 Proċeduri tal-qorti, tal-arbitraġġ u ta' rizzoluzzjoni ta' tilwim oħrajn

17. L-ESMA għandha tirċievi kull sitt xhur deskrizzjoni fil-qosor ta', u informazzjoni aġġornata dwar proċeduri pendenti u attwali, proċeduri ta' arbitraġġ u kwalunkwe forma ta' proċeduri vinkolanti ta' rizzoluzzjoni ta' tilwim li huma/kienu fis-seħħ fi kwalunkwe żmien waqt il-perjodu ta' rapportar, u li jista' jkollhom impatt ħażin fuq il-kontinwità jew il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet u/jew ikollhom impatt materjali fuq il-pożizzjoni finanzjarja ta' CRA. Din id-deskrizzjoni għandha tinkludi sommarju tal-proċeduri u tar-risultat potenzjali tal-proċeduri f'termini ta' responsabbiltà.

## 5.7 Każijiet potenzjali u attwali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament CRA li ġew identifikati u l-miżuri li ttieġdu

18. Is-CRAs għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata kull sitt xhur dwar każijiet possibbli li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, inkluż:
  - a. Deskrizzjoni ta' kull każ li jista' jirriżulta f'nuqqas ta' konformità possibbli mal-kundizzjonijiet tal-bidu għar-reġistrazzjoni;
  - b. Dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex irriżulta tali każ;
  - c. Dikjarazzjoni tal-azzjonijiet meħuda mis-CRA wara l-identifikazzjoni tal-każ ikkonċernat;
  - d. Dikjarazzjoni dwar jekk infetħitx investigazzjoni interna rigward il-każ ikkonċernat u dwar jekk tali investigazzjoni hijiex għaddejja jew tkunx ingħalqet; u meta tkun ingħalqet, tingħata kopja ta' kwalunkwe rapport konsegwenti magħmul fir-rigward tal-investigazzjoni.

## 5.8 Organigrammi

19. Is-CRAs għandhom jissottomettu organigrammi kull sitt xhur jekk ikunu saru aġġornamenti tal-organigrammi. Dawn l-organigrammi għandhom jipprovdu livell ta' dettall li jippermetti lill-ESMA tidentifika l-istruttura tad-dipartimenti li ġejjin u għandhom jiddeskrivu l-funzjonijiet ewlenin tad-dipartimenti:
  - Il-funzjoni ta' konformità;
  - Verifika Interna;
  - Funzjoni ta' Reviżjoni Interna;
  - Linji ta' negozju inkarigati mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni;
  - Funzjoni tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni;
  - Dipartiment tal-IT;
  - Funzjoni tar-riskju.

## 5.9 Konformità, Verifika Interna, Ġestjoni tar-Riskju

20. Kull CRA għandha tissottometti kull sitt xhur il-pjan ta' fidma ta' konformità tagħha fi



kwalunkwe każ meta verżjoni aġġornata ta' dan il-pjan tkun ġiet prodotta matul il-perjodu.

21. Meta CRA tkun stabbiliet funzjoni ta' Verifika Interna jew tkun ikkummissjonat verifiki interni minn parti esterna, l-ESMA għandha tirċievi kopja tal-pjan ta' ħidma aġġornat tal-Verifika Interna fi kwalunkwe każ meta verżjoni aġġornata ta' dan il-pjan tkun ġiet prodotta matul il-perjodu.
22. Kull CRA għandha tissottometti lill-ESMA kopji tar-rapporti maħruġa mill-konformità, mill-verifika interna, u mill-ġestjoni tar-riskju tagħha (li jkopru, pereżempju, riskji ta' sigurtà operattiva jew tal-informazzjoni). Is-CRAs għandhom jipprovdu dettalji ta' kwalunkwe azzjoni ta' segwitu identifikata biex jiġu mmitigati dawn ir-riskji.

## **5.10 Strateġija tal-IT tal-intrapriżi**

23. L-ESMA għandha tiġi infurmata kull sitt xhur dwar l-istrateġija tal-IT tal-intrapriżi u bi kwalunkwe tibdil magħmul fihom.
24. L-ESMA għandha tiġi infurmata kull sitt xhur dwar il-pjanijiet ta' ħidma tal-IT tas-CRAs u bi kwalunkwe tibdil magħmul fihom. Is-CRAs għandhom jipprovdu wkoll aġġornamenti dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

## **5.11 Oqsma oħra**

25. Is-CRAs għandhom jirrapportaw ukoll kull sitt xhur:
  - Kunflitti ta' interess ġodda potenzjali u attwali identifikati u l-miżuri meħuda bħala tweġiba għalihom;
  - Informazzjoni dwar kwalunkwe reviżjoni li tkun qed tinbeda jew maħsuba li titwettagħ dwar mudelli ta' klassifikazzjoni u proċessi ta' klassifikazzjoni;
  - Riżultati tar-reviżjonijiet tal-metodoloġija, inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe ttestjar retrospettiv imwettaq fil-perjodu, dettalji ta' kwalunkwe skoperta ewlenija kif ukoll azzjonijiet meħuda mis-CRA bħala riżultat ta' dan.

## **5.12 Notifiki ta' tibdil materjali fil-kundizzjonijiet tal-bidu għar-reġistrazzjoni**

26. L-ESMA tqis "bidla materjali" bħala bidla fl-informazzjoni sottomessa fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u, b'mod aktar ġenerali, kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament CRA.
27. CRA għandha tinnotifika lill-ESMA bi kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-bidu tagħha inkluż, iżda mhux limitat għal, il-kwistjonijiet li ġejjin:
  - a. Il-ftuħ u l-għeluq ta' fergħat;



- b. Użu ta' approvazzjoni;
- c. Id-dritt tas-CRA għal eżenzjoni(jiet) mogħtija fir-reġistrazzjoni;
- d. Arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
- e. Forma ġuridika;
- f. Struttura tan-negozju (inkluż ir-riorganizzazzjoni jew ir-ristrutturar tal-attivitajiet tas-CRA u spin-offs);
- g. Tip ta' attivitajiet ta' negozju (inkluż il-forniment ta' servizz ġdid u t-tnedija ta' prodott ġdid fin-negozju tal-klassifikazzjoni jew mhux tal-klassifikazzjoni);
- h. Klassi u/jew tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu;
- i. Struttura tas-sjeda: akkwiżizzjoni jew disponiment ta' holdings 'il fuq minn 5 % tal-kapital;
- j. Sħubija tal-bord superviżorju jew amministrattiv;
- k. Funzjoni ta' konformità u funzjoni ta' revizzjoni;
- l. Proċeduri użati għall-ħruġ u r-reviżjoni ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu;
- m. Riżorsi finanzjarji (inkluż kapital azzjonarju tat-tibdil jew dejn fit-tul);
- n. Metodoloġiji ta' klassifikazzjoni, mudelli jew suppożizzjonijiet ewlenin ta' klassifikazzjoni;
- o. Proċessi tal-IT u sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni li jappoġġjaw il-proċess ta' klassifikazzjoni, bħal tibdil fil-governanza tal-IT.

## 5.13 Tariffa superviżorja u kalkoli tas-sehem mis-suq tas-CRA

### Tariffa superviżorja

- 28. Għall-finijiet tal-kalkolu tat-tariffi superviżorji, is-CRAs għandhom jissottomettu lill-ESMA l-kontijiet ivverifikati annwali tagħhom għas-sena ta' qabel, mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju ta' kull sena.
- 29. Il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja huwa d-dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u s-servizzi anċillari tas-CRA. CRA li tipprovdi servizz jew servizzi għajr klassifikazzjonijiet tal-kreditu għandha tipprovdi lill-ESMA deskrizzjoni ddettaljata ta' dan(dawn) is-servizz(i) sabiex b'hekk l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk is-servizz(i) kkonċernat jikkostitwixxi servizz mhux ta' klassifikazzjoni, servizz mhux anċillari jew servizz anċillari.
- 30. Meta CRA, bi dħul totali annwali ta' mill-inqas EUR 10 miljun, tidentifika dħul bħala wieħed iġġenerat minn attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni u/jew servizzi mhux anċillari,

is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni ddettaljata ta' dawn l-attivitajiet u s-servizzi. Dan sabiex l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk id-dħul iġġenerat minn dawn l-attivitajiet u servizzi huwiex eliġibbli għal tnaqqis mill-fatturat applikabbli. L-ammonti li jikkorrispondu għal dawk l-attivitajiet mhux ta' klassifikazzjoni u s-servizzi mhux anċillari għandhom jiġu ċċertifikati b'mod xieraq mill-awdituri esteri tas-CRA<sup>1</sup>.

31. Meta CRA bi dħul totali annwali ta' mill-inqas EUR 10 miljun tipprovdi attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u servizzi anċillari lil klijenti differenti, tista' titlob li tnaqqas id-dħul mitlub mill-kalkolu tad-dħul iġġenerat mis-servizzi anċillari. Is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni ddettaljata tal-istruttura interna tagħha, kif ukoll bil-politiki, il-proċessi u l-proċeduri rilevanti, jekk jeżistu. Dan sabiex l-ESMA tkun tista' tivvaluta, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk ir-riżultat huwiex l-għoti ta' servizzi lil klijenti differenti u b'hekk jiġu eliminati kunflitt ta' interess potenzjali u l-ħtieġa għal skrutinju superviżorju. Abbażi ta' dan, l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk id-dħul iġġenerat minn bażijiet differenzjati ta' klijenti huwiex eliġibbli għal tnaqqis mill-fatturat applikabbli. L-ammonti li jikkorrispondu għad-dħul iġġenerat minn servizzi anċillari li jingħataw lil klijenti differenti li ma jirċevux servizzi ta' klassifikazzjoni fis-sena finanzjarja applikabbli għandhom jiġu ċċertifikati kif xieraq mill-awdituri esteri tas-CRA fuq bażi ta' klijent bi klijent u fuq bażi aggregata. Kwalunkwe tibdil fl-istruttura tas-CRA jew fil-politiki, fil-proċessi jew fil-proċeduri rilevanti rigward l-għoti ta' servizzi anċillari lil klijent partikolari għandu jiġi kkomunikat lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.
32. Għall-fini tal-kalkolu msemmi hawn fuq u l-valutazzjoni tan-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi potenzjali, "klijent" tisser kwalunkwe klijent fi ħdan it-tifsira tat-terminu kif definit fil-aħħar paragrafu tal-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament CRA li ma jirċievi l-ebda servizz ta' klassifikazzjoni mill-grupp tas-CRA<sup>2</sup>.
33. Meta CRA titlob kwalunkwe aġġustament ieħor għall-fatturat applikabbli (bħall-eliminazzjoni tat-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji), is-CRA għandha tipprovdi lill-ESMA b'deskrizzjoni dettaljata tal-aġġustament mitlub u r-raġunijiet għal tali aġġustament. L-ammont li jikkorrispondi għal dan l-aġġustament għandu jiġi ċċertifikat b'mod xieraq mill-awditur estern tas-CRA.
34. Il-kalkolu tat-tariffi superviżorji ta' CRA huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji kontinwi tal-ESMA li tivvaluta jekk l-għoti ta' servizzi anċillari minn CRA jikkostitwixx kunflitt ta' interess potenzjali u, meta dan ikun il-każ, li tadotta miżuri xierqa skont ir-Regolament CRA.

## 5.14 Kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA

35. Hekk kif il-kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA jsir fuq l-istess bażi bħall-kalkolu tat-tariffi superviżorji, il-linji gwida għall-kalkolu tal-fatturat applikabbli għat-tariffi superviżorji jkunu applikabbli għall-kalkolu tas-sehem mis-suq tas-CRA.

---

<sup>1</sup> Iċ-ċertifikazzjoni tista' ssir mill-awditur estern tas-CRA permezz ta' mezzi differenti bħal proċeduri speċifikati jew rapport ta' proċedura miftiehem mal-awditur estern tas-CRA, dikjarazzjoni tad-dħul tas-CRA jew l-ammonti mniżżla mill-awditur estern tas-CRA, jew bl-inklużjoni ta' din it-talba ta' ċertifikazzjoni fl-inkarigu tal-awditjar mal-awditur estern tas-CRA.

<sup>2</sup> Il-paragrafu finali tal-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament CRA jiddikjara: "klijent tisser entità, is-sussidjarji tagħha, u entitajiet assoċjati li fihom l-entità għandha holdings ta' aktar minn 20 %, kif ukoll kull entità oħra li dwarha nnegożjat l-istruttura tal-ħruġ ta' self fisem klijent u fejn tħallset tariffa, direttament jew indirettament, lill-aġenzija li tigrada l-kreditu għall-gradazzjoni ta' kreditu tal-ħruġ ta' dak is-self."



36. Għall-fini tal-kalkolu ta' kull sena tas-sehem mis-suq tas-CRA, is-CRAs b'sena finanzjarja għajr is-sena kalendarja għandhom jipprovdu lill-ESMA bil-kontijiet finanzjarji aġġustati għas-sena kalendarja. L-ammonti li jikkorrispondu għal dawn l-aġġustamenti għandhom jiġu ċċertifikati b'mod xieraq mill-awdituri esterni tas-CRA. CRA tista' tipprovdi wkoll dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati diviżi għal kull tliet xhur jew skont perjodi ta' żmien oħrajn sakemm l-informazzjoni tippermetti lill-ESMA tagħmel il-kalkoli tagħha għas-sehem mis-suq totali u l-kalkolu tat-tariffi superviżorji.

## **6 Anness 1: Sommarju tal-informazzjoni per iodika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mill-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tal-Kreditu**

### **A. Sottomissionijiet ta' informazzjoni kull tliet xhur**

- Dñul finanzjarju (skont it-tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u fuq bażi individwali u kkonsolidata) u kostijiet (kull sitt xhur għas-CRAs eżenti minn tariffi superviżorji);
- Ċaqliq tal-persunal, postijiet vakanti u promozzjonijiet ewlenin (kull sitt xhur għas-CRAs eżenti minn tariffi superviżorji);
- Għadd ta' impjegati FTE (kull sitt xhur għas-CRAs eżenti minn tariffi superviżorji);
- Ilmenti interni sottomessi lid-Dipartiment tal-Konformità.

### **B. Sottomissionijiet ta' informazzjoni kull sitt xhur**

- Informazzjoni dwar il-bidu ta' kwalunkwe reviżjoni interna li tkun qed titwettaq jew maħsuba li titwettaq dwar mudelli ta' klassifikazzjoni u proċessi ta' klassifikazzjoni;
- Riżultati tar-reviżjonijiet tal-metodoloġija, inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe ttestjar retrospettiv imwettaq fil-perjodu, dettalji ta' kwalunkwe skoperta ewlenija kif ukoll azzjonijiet meħuda mis-CRA bħala riżultat ta' dan;
- Konformità, Verifika Interna, Ġestjoni tar-Riskju u strateġija u governanza tal-IT;
- Każijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament CRA li ġew identifikati u l-miżuri li ttieħdu;
- Kunflitti ta' interess ġodda potenzjali u attwali identifikati u l-miżuri meħuda;
- Minuti tal-Bord, opinjonijiet tal-INED u rapporti sottomessi lill-Bord;
- Proċeduri tal-qorti, tal-arbitraġġ u ta' riżoluzzjoni ta' tilwim oħrajn;
- Organigrammi aġġornati.